Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,779, 4 ta' Frar, 2022
Taqsima A

MALTA

ATT Nru IV tal-2022

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini, Kap. 69 u l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', Kap. 199 għall-evitar possibbli ta' duplikazzjoni ta' xogħol u spejjeż fil-kisba ta' valutazzjonijiet jew opinjonijiet tekniċi.

ACT No. IV of 2022

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, Cap. 69 and the Agricultural Leases (Reletting) Act, Cap. 199 for the possible avoidance of duplication of work and expense in obtaining valuations or technical opinions.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
President

4 ta’ Frar, 2022

ATT Nru IV tal-2022

ATT sabiex jemenda l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini, Kap. 69 u l-Att dwar it-Tiġdid ta’ Kiri ta’ Raba’, Kap. 199 għall-evitar possibbli ta' duplikazzjoni ta' xogħol u spejjeż fil-kisba ta' valutazzjonijiet jew opinjonijiet tekniċi.

Il-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

1. It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att huwa l-Att tal-2022 li jemenda l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini u l-Att dwar it-Tiġdid ta’ Kiri ta’ Raba’. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I
EMENDA GĦALL-ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TA’ BINI

2. Din it-Taqsima temenda l-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini, hawn aktar ’il quddiem f’din it-Taqsima msejħa "l-Ordinanza prinċipali". Emenda għall-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta’ Bini. Kap. 69.

Emenda tal-artikolu 23 tal-Ordinanza prinċipali.

3. Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 23 tal-Ordinanza prinċipali, il-kliem "kif iċ-*chairman* jista' jordna." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif iċ-*chairman* jista' jordna:" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda dawn il-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda fejn l-istima ta' xi fond jew kull opinjoni teknika oħra rigward il-fond hija meħtieġa quddiem il-bord u fejn:

(i) jirriżulta li l-istima jew opinjoni teknika oħra fir-rigward tal-istess fond ingħatat quddiem qorti minn Perit jew Inġinier Ċivili maħtur minn dik il-qorti bil-qbil tas-sid il-kera u l-kerrej li kienu partijiet fl-imsemmi każ qabel il-qorti u li huma wkoll partijiet fil-każ quddiem il-bord; u

(ii) l-imsemmija stima jew opinjoni teknika oħra ġiet ikkonfermata f'sentenza finali ta' qorti,

iċ-*chairman* jista', wara li jisma' lill-partijiet, jiddeċiedi li jistrieħ fuq l-imsemmija stima jew opinjoni teknika sa fejn jidhirlu xieraq minflok jassenja żewġ (2) membri tal-Lista sabiex jeżaminaw il-fond skont dan l-artikolu:

Iżda wkoll iċ-*chairman* jista', minflok ma jassenja żewġ (2) membri tal-Lista kif imsemmi qabel, jiddeċiedi wkoll li jistrieħ fuq kwalunkwe stima jew opinjoni teknika oħra fejn il-partijiet kollha fil-każ jaqblu.".

TAQSIMA II
EMENDA GĦALL-ATT DWAR IT-TIĠDID TA' KIRI TA' RABA'

Emenda għall-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'. Kap. 199.

4. Din it-Taqsima temenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' u għandha tinqara u tinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', hawn aktar 'il quddiem f'din it-Taqsima msejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali.

5. Fis-subartikolu (8) tal-artikolu 5 tal-Att prinċipali, il-kliem "kif iċ-*chairman* jista' jordna." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif iċ-*chairman* jista' jordna:" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda dawn il-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda fejn l-istima ta' xi raba' jew kull opinjoni teknika oħra fir-rigward ta' kull każ hija meħtieġa quddiem il-bord u fejn:

(i) jirriżulta li l-istima jew opinjoni teknika oħra fir-rigward tal-istess raba' ngħatat quddiem qorti minn Perit jew Inġinier Ċivili jew minn espert tekniku ieħor

maħtur minn dik il-qorti bil-qbil tas-sid il-kera u l-kerrej li kienu partijiet fl-imsemmi każ qabel il-qorti u li huma wkoll partijiet fil-każ quddiem il-bord; u

(ii) l-imsemmija stima jew opinjoni teknika oħra ġiet ikkonfermata f'sentenza finali ta' qorti,

iċ-*chairman* jista', wara li jisma' lill-partijiet, jiddeċiedi li jistrieħ fuq l-imsemmija stima jew opinjoni teknika sa fejn jidhirlu xieraq minflok jassenja żewġ (2) membri tal-lista sabiex jeżaminaw ir-raba' skont dan l-artikolu:

Iżda wkoll ic-*chairman* jista', minflok ma jassenja żewġ (2) membri tal-lista kif imsemmi qabel, jiddeċiedi wkoll li jistrieħ fuq kwalunkwe stima jew opinjoni teknika oħra fejn il-partijiet kollha fil-każ jaqblu.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 539 tas-26 ta' Jannar, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

RAYMOND SCICLUNA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati